# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 42**

**Citaz. numru 95/90 DM (G)**

**Joseph Borg.**

**vs**

**Joseph Muscat u illi b'nota tad-19 ta' Mejju 1992 Francis Muscat assuma l-atti u l-gudizzju gie trasfuz f'ismu minflok il-mejjet missieru Joseph Muscat.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili bis-segwenti att ta' citazzjoni :-

> "L-attur ippremetta illi huwa proprjetarju ta' bicca mandra anness mal-fond numru 19, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka kejltejn pari ghal bejn wiehed u iehor seba' u tletin punt

decimali erba' tmienja metri kwadri (37.48m$^2$) u konfinanti ma' lvant ma' beni ta' certu Trevisn punent in parti ma' beni tal-eredi ta' Carmela Bartolo u in parti ma' sqaq privat tramuntana ma' beni tal-attur u nofsinhar in parti ma' beni tal-attur u in parti ma' beni ta' Giusepp Xuereb ;

U illi ricentament il-konvenut waqqa' l-hajt tal-konfini u ghamel rampla permezz taz-zrar u qed jezercita passagg minn fuq il-mandra.

U illi l-konvenut ma ghandux jghaddi minn fuq il-proprjeta' tal-attur fuq imsemmija u l-agir tieghu huwa abbusi u llegali ;

Talab lil din il-Qorti ;

1. Tinibixxi lill-konvenut milli jezercita dritt ta' passagg minn fuq il-mandra tal-attur fuq imsemmi ;

2. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenut jirrimwovi r-rampa li ghamel fil-proprjeta' tal-attur ;

3. Tikkundanna lill-konvenut jerga' jibni u jpoggi kif kien il-hajt divizorju li jifred il-mandra msemmija mis-sqaq proprja' tal-attur."

**ECCEZZJONIJIET**

Anthony Muscat mahtur kuratur ad litem tal-konvenut Joseph Muscat b'digriet tal-ewwel Qorti f'Settembru 1990 hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. In-nullita' tal-istess citazzjoni u dana peress illi l-istess Joseph Muscat illum jinsab mentalment inkapaci li jagixxi minhabba mard serju li qabdu, kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smiegh tal-kawza ;

2. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jipprova t-titolu li ghandu fuq l-art "de quo" ;

3. Illi fil-mertu wkoll u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, l-istess konvenut nomine ghandu dritt ta' passagg fuq l-art "de quo" kif jigi pruvat dettaljament waqt is-smiegh tal-kawza."

**DECIDE**

B'sentenza tat-28 ta' April 1995, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel talba tal-attur u filwaqt li ddikjarat li l-konvenut m'ghandu ebda jedd li jghaddi minn fuq il-mandra in kwistjoni, irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward u inibietu milli jezercita d-dritt ta' passagg minn fuq il-mandra tal-attur premessa fic-citazzjoni. L-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tirrigwarda in-nullittta' tac-citazzjoni stante l-mard mentali tal-konvenut Joseph Muscat.
>
> Apparti li dak li jippretendi l-konvenut m'ghandu ebda bazi legali billi 'per se' il-mard mentali li mhux ufficjalizzat ma jwassalx ghan-nullita' ta' proceduri legali kontra l-marid, fil-kaz odjern l-eccezzjoni qed tinghata minn Anthony Muscat li gie nominat kuratur 'ad litem' ta' missieru, il-konvenut Joseph Muscat u ghalhekk il-procedura dettata biex jigu salvagwardati l-interessi tal-marid temporaneament fejn mhiex dettata l-interdizzjoni giet osservata.
>
> Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.
>
> Dwar it-tieni eccezzjoni ghandu jinghad li l-attur ipproduca l-l-prova rikjesta dwar it-titolu ta' proprjeta' pretiz bil-prezentata, fl-

atti, tal-kuntratt ta’ Akkwist tas-6 ta’ Settembru 1969 (Dok A a fol. 121).

Fit-tielet lok il-konvenut qed jallega li ghandu dritt ta’ passagg fuq il-mandra in kwistjoni u ghalhekk jnkombi fuqu li jgib provi bizzejjed biex jistabbilixxi dan it-titolu.

Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenut ma kkostruwixxa ebda rampa, izda matul is-snin, il-hajt li jinfed il-mandra mis-sqaq, waqa’ u mis-seltja rizultanti, gie pprovdut access ghalkemm xi ftit diffikoltuz. Billi, kif ippruvat, Joseph Muscat kien ta’ sikwit jidhol fil-mandra jaqta’ l-pal tal-bajtar, sabiex jiffacilita’ l-access minn fuq il-kantun u gebel sfuz, huwa tefa’ fuq l-istess gebel kwantita’ ta’ trab u zrar biex b’hekk illixxa l-wicc tal-hajt imwaqqa’.

Dan l-agir tal-konvenut qatt ma jista’ jikkostitwixxi bini ta’ rampa u ghalhekk ma jistax iwassal ghal dak li qed jippretendi l-attur. Ma jirrizultax li l-hajt tal-mandra twaqqa’ mill-konvenut jew li l-konvenut ifforma xi rampa bil-gebel kif qed jippretendi l-attur u ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li l-hsara li saret fil-hajt minhabba l-moghdija ta’ zmien u nuqqas ta’ manutenzjoni tigi rriparata u l-hajt jigi mibni a kariku tal-konvenut ghaliex dan sab l-opportunita’ jidhol fil-mandra biex jaqta’ ftit weraq u illixxa d-debris billi tefa’ z-zrar.

Ghaldaqstant tirrespingi t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur.

Dwar l-ewwel talba attrici, il-konvenut ma esebixxi ebda kuntratt biex jistabbilixxi xi dritt ta’ passagg li jippretendi li ghandu, u ghalkemm mal-kelma “twelliet” wzata minn Francis Muscat dan qisu jippretendi xi dritt ta’ lokazzjoni, lanqas dan ma jirrizulta billi qatt ma thallset qbiela jew almenu giet offruta lis-sid li, mill-1969, huwa l-attur.

Il-konvenut allura jistrieh biss fuq allegazzjoni ta’ dritt ta’ passagg necessarju stante l-ezistenza ta’ xi mandra ohra fil-pussess tieghu fil-vicinanzi. Izda fin-nuqqas ta’ prova konklussiva dwar fejn tinsab il-mandra l-ohra u kif din hija interkjuza, fin-nuqqas ta’ prova ta’ titolu ta’ proprjeta’ fuq din il-mandra l-ohra, fir-rizultanza illi l-access ghall-mandra in kwistjoni gie pprovdut b’koincidenza meta waqa’ l-hajt u minghajr ma kien intiz la mis-sid u lanqas mill-konvenut u fir-rizultanza li l-hajt li jifred il-mandra mill-isqaq, anke fl-istat imwaqqa’ u wzat bhala rampa, jirrapprezenta n-negazzjoni ta’ xi dritt ta’ passagg, il-Qorti ssib li ma tirrizulta ebda prova ta’ titolu da parti tal-konvenut ghall-uzu tal-mandra inkwistjoni.

> Id-dhul abbuziv ta' Joseph Muscat biex jaqta' l-pal tal-bajtar matul is-snin m'ghandu ebda rilevanza."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appella Francis Muscat li b'nota tad-19 ta' Mejju 1992 assuma l-atti minflok il-konvenut Joseph Muscat li miet fil-mori tal-gudizzju. L-ewwel aggravju tieghu hu wiehed procedurali. Isostni li <u>s-sentenza</u> hija nulla peress li qabel ma nghatat ma kienux gew sanati u regolarizzati l-atti processwali u jelenka s-segwenti irregolaritajiet :-

(a) Illi Rita Carabez ma kienet qatt giet notifikata bir-rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Din l-allegata irregolarita' kienet tirreferi ghar-rikors tal-attur li bih talab li l-Qorti tordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju tal-konvenut Joseph Muscat f'isem uliedu Francis Muscat, Peter Paul Muscat, Anthony Muscat u Rita Carabrez. L-ewwel Qorti ordnat in-notifika ta' dak ir-rikors tal-21 ta' April 1992 lill-eredi presuntivi ai termini tal-artikolu 807 (1) tal-Kap.12. Huwa minnu li dak ir-rikors ma kienx gie notifikat lil Rita Carabez pero' kien gie hekk notifikat lil Francis Muscat, iben l-istess konvenut Joseph Muscat u l-ewwel Qorti b'digriet tat-12 ta' Gunju 1992 ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem dan l-istess Francis Muscat. Ma kien hemm xejn fil-ligi illi jimponi illi l-atti jigu trasfuzi f'isem tal-eredi presuntivi kollha. Kien fl-interess ta' dawk mill-eredi illi riedu li l-atti jigu trasfuzi f'isimhom, illi jaghmlu l-proceduri mehtiega biex dan isir. Kien bizzejjed ghall-attur illi wiehed mill-eredi prezuntivi tal-

konvenut jaccetta li jassumi l-atti minflok il-mejjet missieru. Kien dejjem possibbli ghall-eredi preguntivi l-ohra, fosthom Rita Carabez, li kieku riedu jassumu huma stess l-atti tal-kawza minflok missierhom. Zgur li ma kienet tokkorri l-ebda nullita' procedurali tas-sentenza minhabba dan l-allegat nuqqas.

Il-konvenut jilmenta wkoll mill-irregolarita' tas-sentenza ghaliex skond id-digriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Jannar 1994, giet awtorizzata l-prezentata ta' nota illi kellu jipprezenta l-attur appellat, bil-visto tal-kontro-parti. Din in-notifika ma saritx kif ordnat, bir-rizultat li l-konvenut appellant ma seta' qatt jopponi ruhu ghall-prezentata tad-Dokument A, u cioe' tal-kuntratt pubbliku tas-6 ta' Settembru 1969 in atti Nutar Angelo Sammut. Anke dan in-nuqqas bl-ebda mod ma jista' jgib in-nullita' tas-sentenza. Apparti l-fatt illi l-esebizzjoni in atti tal-kuntratt pubbliku, bl-ebda mod ma seta' jinghad li kien jikkostitwixxi prova oltre kontenut tieghu. Indubbjament ic-cirkostanza illi dak l-att ma kienx ingieb a konjizzjoni tal-konvenut appellant, ma kien bl-ebda mod jinficja s-sentenza appellata. Kien se mai aggravju li l-appellant seta' jissolleva, kif qieghed effettivament jissolleva, quddiem din il-Qorti ta' revizjoni bhala gravam li seta' ppregudika d-dritt tieghu ghal difiza xierqa.

It-tielet ilment procedurali tal-appellant hu illi r-rikors tal-istess attur appellat tal-10 ta' Jannar 1995 baqa' ma giex iddegretat mill-ewwel

Qorti. Dan ir-rikors kien talba tal-attur biex l-ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tordna li jigu allegati fl-atti ta' din il-kawza bl-atti ta' kawza ohra fejn il-partijiet kontendenti f'ismijiet inversi (Citaz. Nru. 3/89 DM) li permezz taghha l-istess konvenut Joseph Muscat kien istitwixxa azzjoni ta' spoll kontra l-appellat f'din il-kawza u dana rigward porzjoni art vicin ir-rampa in kawza. Hu minnu li dan ir-rikors ma giex degretat mill-ewwel Qorti finalment aktarx bi zvista. Dan pero' bl-ebda mod ma jippregudika s-sentenza appellata. Bizzejjed jinghad illi t-talba kienet tal-attur innifsu u kien aktar minn ovvju illi kien dan biss li seta' jilmenta mill-fatt li r-rikors tieghu ma kienx gie degretat. L-aggravju procedurali tal-appellant li kienu allura jokkorru nuqqasijiet fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti illi kellhom iwasslu ghan-nullita' u irritwalita' tas-sentenza appellata qed jigi ghalhekk respint.

It-tieni aggravju tal-appellant kien fis-sens illi n-nuqqas ta' notifika tan-nota prezentata mill-attur a tenur tad-digriet tat-18 ta' Jannar 1994 kienet tammonta ghall-vjolazzjoni tal-principju audi alteram partem. Fin-nota li maghha gie ezebit il-kuntratt tas-6 ta' Settembru 1969, l-istess attur ipproduca prova gdida biex jistabbilixxi t-titolu tieghu fuq l-art de quo. Prova li ma kienitx ammissibbli f'dak l-istadju meta l-kawza kienet gja' differita ghas-sentenza. Bhala fatt dan l-aggravju jirrizulta pruvat u hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti kien messha tat l-opportunita' lill-kontro-parti biex jiehu konjizzjoni ta' dik il-prova biex ikun jista' jaghmel sottomissjonijiet dwarha qabel ma tinghata s-

sentenza fil-mertu. Il-fatt li dan m'ghamlitux pero' ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza. Jwassal biss lil din il-Qorti biex tipprovdi rimedju adegwat lill-konvenut biex javanza d-difiza tieghu anke kontra dik il-prova li kif inghad saret permezz ta' dokument u di piu' b'att pubbliku.

Effettivament it-tielet aggravju fir-rikors tal-appell hu proprju kritiku tal-kontenut ta' dak il-kuntratt u allura il-konvenut appellant qieghed juzufruwixxi proprju mid-dritt li trid il-ligi illi jappella mis-sentenza tal-ewwel Qorti bl-aggravju li jinkludi kontestazzjoni tal-pretensjoni tal-attur illi l-kuntratt minnu ezebit kien jipprova t-titolu tal-proprjeta' li kellu u jissottometti illi dak il-kuntratt "m'ghandu x'jaqsam xejn mal-entrata in kwistjoni u huwa rrilevanti u estraneju ghall-kaz prezenti". Dak il-kuntratt gie ezaminat mill-ewwel Qorti li waslet ghall-konvinciment illi kien jikkostitwixxi prova koroborattiva tal-provi l-ohra kollha prodotti quddiemha mill-attur u li adegwatament jistabbilixxu t-titolu tal-proprjeta' li kellu l-istess attur. Minn naha tieghu l-konvenut appellant illimita ruhu biss biex jafferma illi l-kuntratt ma kellu x'jaqsam xejn mal-art de quo pero' ma ta l-ebda hjiel fuq x'hiex hu kien qieghed jibbaza l-kontestazzjoni tieghu. Il-kuntratt certament jipprova illi l-attur kien akkwista proprjeta' li apparentament kienet tinkludi dik taht ezami. Minn imkien ma jirrizulta li l-attur kellu xi proprjeta' ohra f'dawk l-akwati hlief dik u l-appellant bl-ebda mod ma ta xi indikazzjoni fejn suppost, skond hu, kien il-fond li indubbjament akkwista l-attur.

Din il-Qorti allura ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-provi li jistabbilixxu t-titolu tal-attur ghax ma kien hemm xejn fl-atti illi jpoggu fid-dubbju l-konkluzzjoni raggunta fis-sentenza appellata.

Fl-ahharnett l-appellant isostni fir-rikors tal-appell tieghu illi huwa kien akkwista l-jedd ta' passagg minnu pretiz tramite d-dekors tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali u li dan kien jirrizulta sodisfacentament mill-provi. Issa filwaqt li hu minnu illi skond il-ligi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata anke fi stadju ta' appell, dan ma jfissirx illi hu lecitu illi tigi sollevata tali eccezzjoni f'dan l-istadju jekk l-appellant ikun ittanta din il-lineja difenzjonali quddiem l-ewwel Qorti imma ma jkunx ifformalizzaha jew insista fiha. Fil-verita' anke quddiem din il-Qorti, l-eccezzjoni ma kienitx giet formalizzata bhala tali. L-appellant jaccennaa ghaliha biss bhala wiehed mill-aggravji tieghu. Jiddikjara l-pretensjoni tieghu li bhala fatt hu u l-antenati tieghu kien ilhom zmien juzaw dan il-passagg bir-rigel liema dhul kien wiehed pubbliku u ininterrott ghall-perjodu preskrittiv ta' ferm aktar minn tletin sena. Imma quddiem din il-Qorti qatt ma deher biex isostni kif dover tieghu l-eccezzjoni b'riferenza espressa ghad-dispost tal-ligi u lanqas biex jitratta dwarha. Infatti eccezzjoni ta' din ix-xorta li timporta l-akkwist tal-proprjeta'. Bid-dekors taz-zmien ta' tletin sena kienet necessarjament timporta l-produzzjoni tal-provi da parti ta' min jeccipiha

tad-dekors taz-zmien statutorju u tal-pussess kontinwu pubbliku u ininterrott tal-immobbli.

Din il-prova ma tirrizultax mill-atti. Certament ma tirrizultax dik il-prova cara u univoka li tehtieg il-ligi biex tigi sostanzjata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-prova kellha wkoll tkun preciza fis-sens li tirreferi bla ebda dubbju fil-kaz taht ezami ghall-passagg li kien qed jippretendi li kellu l-konvenut. Il-provi huma fl-ahjar ipotesi ghall-appellant konfliggenti ghall-ahhar. Bizzejjed jinghad illi jirrizultaw provi li kienu ghall-ewwel Qorti kredibbli u li din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghaliex tiddubita illi filwaqt illi kien veru li qabel twaqqa' l-hajt kien hemm tarag, dan kien jaghti ghall-fond iehor adjacenti okkupat mill-konvenut u li kien ukoll proprjeta' tal-attur. Ma kienx hemm il-prova illi t-tarag kien jaghti access ghall-ghalqa in kawza. Dan apparti wkoll illi mir-ritratti u x-xhieda prodotti jirrizulta illi l-passagg pretiz mill-konvenut zgur ma setax jinghad li jirrisali ghal tletin sena u oltre. Inoltre kif sewwa jissottometti l-appellat fir-risposta tal-attur tieghu, l-konvenut ma gab l-ebda prova dwar il-proprjeta' ta' l-allegata porzjoni ta' art li ghaliha skond hu kien jaccedi minn fuq l-art tal-attur appellat. Il-provi kollha li pproduca kienu biss jaslu biex jistabbilixxu illi f'xi zmien li jvarja bejn ghoxrin sena u ftit xhur, lill-appellant kienu jarawh jaqta' l-haxix fil-mandra ta biswit l-isqaq u l-ebda prova ma ngiebet illi l-appellant jew l-awtur tieghu kienu jaccedu ghal din il-mandra bl-esercizzju ta' xi dritt ta' passagg minn fuq il-proprjeta' tal-attur appellat. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

L-appell principali tal-konvenut ma jirrizultax allura ghal dawn ir-ragunijiet u wkoll ghar-ragunijiet dedotti mill-ewwel Qorti sostnut.

L-appellat in calce tar-risposta tal-appell tieghu ghamel speci ta' appell incidentali billi talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu hija laqghet l-ewwel talba attrici u tirrevokaha in kwantu rrespingiet it-tieni u t-tielet talbiet attrici.  Dan bl-aggravju semplici "illi jirrizulta ampjament car mill-provi li l-konvenut ikkostruwixxa abuzivament ir-rampa sabiex ikun jista' jaccedi ghall-mandra proprjeta' tal-attur appellat u ghalhekk ghandu l-obbligu car li jirrimwovi l-istess kostruzzjoni a spejjez tieghu".  Dan l-aggravju ma hu xejn hlief talba lil din il-Qorti biex tibdel l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u li wassluha ghall-konvinciment illi ma jistax jinghad illi l-konvenut kien abbuzivament ikkostruwixxa rampa.  L-attur ma adduca l-ebda raguni fl-aggravju tieghu ghaliex dan l-apprezzament kellu jigi disturbat.  Illimita ruhu biex jiddikjara l-aggravju tieghu.  Fic-cirkostanzi allura din il-Qorti certament ma ghandhiex raguni ghaliex kellha tilqa' appell ta' din ix-xorta illi jfisser li din il-Qorti ta' revizjoni tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-provi ghal dak tal-ewwel Qorti meta dik il-Qorti kellha l-opportunita' biex sewwa tevalwa l-portata ta' provi prodotti quddiemha, li bosta minnhom semghathom viva voce, anke b'riferenza ghall-fatti materjali u fizici kif irrizultaw mill-provi prodotti.  L-appell incidentali mhux motivatallura ma jistax ikun sostnut.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tichad l-appell principali bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

2. Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata in toto.

Dep/Reg

mg